Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10658 – NORSK HYDRO / ALUMETAL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 208/05)

1. Fit-13 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Norsk Hydro ASA ("Hydro", in-Norveġja),

— Alumetal S.A. ("Alumetal", il-Polonja).

Hydro takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Alumetal kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' sejħa pubblika.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Hydro hija kumpanija tal-aluminju integrata, u għandha attivitajiet tul il-katina tal-valur tal-aluminju mill-bauxite, alumina u ġenerazzjoni tal-enerġija sal-produzzjoni ta' prodotti estruditi tal-aluminju u riċiklaġġ tal-aluminju. B'mod partikolari, Hydro tipproduċi ligi tal-funderija bbażati prinċipalment fuq aluminju primarju.

— Alumetal hija prinċipalment produttur ta' ligi tal-fonderija tal-aluminju prodotti prinċipalment minn aluminju sekondarju. Alumetal tipproduċi wkoll ligi prinċipali, li tużahom internament, iżda wkoll tbigħhom lil klijenti terzi, inkluża Hydro.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10658 – NORSK HYDRO / ALUMETAL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.